32001D0068

L 23/31 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 25.1.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tas-16 ta' Jannar 2001
## li tistabbilixxi żewġ metodi ta' riferiment għall-kejl tal-PCBs skond l-Artikolu 10(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE dwar id-disponiment mill-bifenili poliklorinati u t-terfenili poliklorinati (PCBs/TCPs)

*(notifikata fid-dokument numru K(2001) 107)*

(2001/68/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar id-disponiment mill-bifenili poliklorinati u t-terfenili poliklorinati (*PCBs/TCPs*) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10a tagħha,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, bis-saħħa ta' l-Artikolu 10(a) tad-Direttiva 96/59/KE għandha l-obbligu li tiffissa l-metodi tar-riferiment għall-kejl sabiex jiġi stabbilit il-kontenut tal-*PCB* fil-materjali mniġġża.

(2) Għalissa huwa possibbli li jiġi stabbilit metodu tar-riferiment sabiex jiġu stabbiliti l-*PCBs* fil-prodotti mill-petroleum u ż-żjut użati kif ikull bħala metodu tar-riferiment tal-kejl sabiex jiġu stabbiliti l-*PCBs* fil-fluwidi ta' l-isolazzjoni.

(3) Il-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni espressa mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE ([2]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-i*standards* Ewropej *EN 12766-1* u *preEN 12766-2* u l-verżjonijiet sossegwentement aġġornati għandhom jiġu applikati bħala l-metodu ta' riferiment sabiex jiġu stabbiliti l-*PCBs* fil-prodotti mill-petroleum u ż-żjut użati.

*Artikolu 2*

L-i*standard* Ewropew *IEC 61619* u l-verżjonijiet sossegwentement aġġornati għandhom jiġu applikati bħala metodu tar-riferiment sabiex jiġu stabbiliti l-*PCBs* fil-likwidi ta' l-isolazzjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Jannar 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 243, ta' l-24.9.1996, p. 31.
([2]) ĠU L 78, tas-26.3.1991, p. 32.